MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2009

Appell Kriminali Numru. 273/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. J. Agius)**
**Vs**
**Guzeppi Bilocca**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli nhar it-2 ta' Novembru, 2002, ghall-habta ta' 05.45 ta' filghodu, waqt li kien qed isuq il-vettura Ford Escort bin-numru tar-registrazzjoni AAB-059, fi Triq il-President Anton Buttigieg, Zejtun, fid-direzzjoni ta' Bir id-Deheb, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, kkaguna l-mewt ta' Giuseppe Fenech li dak il-hin kien qed jaqsam din l-istess triq bi ksur ta' l-artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-30 ta' Settembru, 2008, li biha, wara li rat l-artikolu 225 u 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta w l-artikolu 15(1) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu ghal sena prigunerija sospizi ghal erba' snin. In oltre l-Qorti ordnat is-sospenzjoni tal-licenzja tas-sewqan ta' l-appellant ghal perjodu ta' sena w dana minkejja illi l-uzu tal-karozza mill-appellant hija parti integrali mill-impjieg tieghu.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-7 t' Otturbu, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w dana billi tiddikjara illi l-appellant ma kienx hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu w b'dan il-mod tilliberah minn kwalunkwe imputazzjoni w piena. Bla pregudizzju ghat-talba ta' dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' htija, f'kaz li din il-Qorti ssib xi htija fl-appellant, hi mitluba li taghti piena aktar xierqa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- li mill-provi prodotti jirrizulta bic-car li l-kawza prossima tal-incident kienet unikament l-imprudenza w in-negligenza tal-vittma Joseph Fenech, li, bl-eghmil tieghu rrenda l-incident inevitabbli billi ma qasamx fuq *zebra crossing* u billi naqas milli jzomm *proper lookout* ghat-traffiku li kien gej. Ghalhekk l-Ewwel Qorti qatt ma setghet issib htija fl-appellant. Subordinatament u ghar-rigward tal-piena, l-appellant ghandu kondotta nadifa, ghandu *a steady job* u jahdem bhala *operations manager* go fabbrika u jkun *on call twenty four hours seven days a week* u ghandu xoghol *part-time* u l-Qorti trid ukoll tqis l-eta' tieghu fl-ghoti tal-piena. Li is-sospensjoni tal-licenzja ma hix wahda oggettivament indikata ghax l-appellant bl-ebda mod ma jista' jitqies li hu *"a menace on the road".*

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi l-appell hu bazat biss fuq l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f’dan is-sens “inter alia” l-Appelli Kriminali : “**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.”** [12.5.94]; “**Ir-Republika ta’ Malta vs. George Azzopardi** “ [14.2.1989]; **“Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace”** [31.5.1991] ; **“Il-Pulizija vs. Anthony Zammit”** [31.5.1991] u ohrajn .)

Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn **LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY** fil-kawza **“R. v. Cooper**” ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*“assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury’s verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been*

*done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed." (Ara wkoll* **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE** (1991) , p. 1392).

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**", deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994 inghad illi :-

*"Fi kliem iehor , l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta …. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament".*

Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoini ta' htija dwar l-unika imputazzjoni dedotta kontra l-appellant.

Ikkonsidrat;

Illi mill-ezami akkurat tal-provi jirrizulta li fit-2 ta' Novembru, 2002, ghall-habta tal-5.45 am l-appellant kien qed isuq il-car Ford Escort numru AAB 059 fi Triq il-President Anton Buttigieg fiz-Zejtun, sejjer lejn Bir id-Deheb. F' hin minnhom l-appellant sema hoss kbir u sab lil Joseph Fenech fuq il-bonnet tieghu. Kien qal lil PS 249 Angelo Curmi fuq il-post tal-incident *a tempo vergine* : *"…qabel ma kontx rajtu b' ghajnejja."*

It-triq hemm hi wahda dritta xemgha, fit-tul u fil-wita' w kienet bla nida'. Fuq naha minnhom hemm il-bini u fuq in-naha l-ohra hemm l-ghelieqi. Fil-hin li waslu l-Pulizija kien ghadu d-dlam ghax ma kienx ghadu sebah pero' t-triq hija imdawwla mill-lampi *orange.* Irrizulta lill-PS Curmi li l-

mejjet kien qed jaqsam jew qasam minn-naha tal-bini fejn kien joqghod ghal go sqaq li hemm fuq in-naha tal-ghelieqi. Dan ifisser li kien qed jaqsam mil-lemin ghax-xellug tal-appellant. Fil-fatt il-mejjet instab gol-isqaq u cioe' aktar lura mill-*pedestrian crossing* li ma hix illuminata. Il-mejjet kien persuna ta' eta' avvanzata w kien liebes qmis u qalziet skur. Ma nstabu ebda tracci ta' alcohol jew ta' xi medicinali jew sustanzi ohra estraneji fid-demm tal-mejjet.

Jirrizulta mir-relazzjoni tal-Perit Valerio Schembri li l-vettura tal-appellant kellha daqqa fuq il-windscreen fuq in-naha t' isfel tax-xellug fuq in-naha tal-passiggier u li nqasmu l-*windscreen* u anki l-*wiper* w l-*indicator* tal-istess naha. Il-*bumper* kien ukoll milqut fuq l-istess naha. Ma rrizulta ebda difett fil-funzjonament tal-vettura partikolarment ghal dak li jirrigwarda l-brakes u d-dwal.

L-uniku xhud li kien fil-vicinanzi fil-hin tal-incident, pero' li ma rahx jigri, kien Joseph Mizzi. Ghalkemm hu kien imur jonsob mal-vittma, dak in-nhar ma kienx kellmu meta ftit qabel kien rah jitkellem ma wiehed li kien isuq van. Ftit wara Mizzi kien dahal gol-garage tieghu. Sema' *brake* u hareg jigri u sab lil Fenech mal-art. Kien hemm van xi 20 pied boghod minnu w s-sewwieq ta' dal-van kien fil-van inkwetat u ppanikjat. Mizzi xehed li Joseph Fenech kien nieqes mid-dawl, minn ghajn wahda u kien jilbes nuccali. Dan gie korroborat mill-Professur Maria Theresa Camilleri, li xehdet li l-vittma kellu ghajnu l-lemenija opaka, fis-sens li ma setghax jara minnha.

Irrizulta mid-depozizzjoni ta' Carmela Fenech, mart il-vittma, li dan kien hareg mid-dar ghall-habta tas-6.30 am biex imur jonsob. Kellu l-gabbjun fuq daru u kien sejjer jonsob fl-ghalqa vicin id-dar taghhom cioe' gol-isqaq numru 2, Triq il-President Buttigieg u biex jaghmel hekk , kellu jaqsam it-triq principali.

Meta xehed fil-kors tal-inkjesta magisterjali, l-appellant kien qal li kien isuq b' velocita' normali bi xi 35 kfs. Hu kellu d-dwal tal-karozza mixghulin. Kien ghaddej vicin il-hajt, wisgha ta' karozza 'l barra. F' hin minnhom marret tghaddieh vettura ohra izda din ma tellfitux. Dan gara

ezatt qabel l-incident. F' daqqa wahda sema' qiesu daqqa w ra xi haga mal-*windscreen* man-naha tal-passiggier fejn kellu il-*windscreen* imkissra wara l-incident. Waqaf ftit 'il fuq. Nizel sabiex jara x' gara u meta ra ragel mixhut mal-art, tatu fernezija. Id-daqqa kien semaghha kif kien ser jaqbad l-isqaq fuq in-naha tax-xellug.

Meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti, l-appellant qal li Triq il-President Anton Buttigieg kienet triq regolari tieghu w jghaddi minnha xi tlitt darbiet jew erba darbiet kulljum . Fiha hemm tlitt *zebra crossings*, wahda minnhom vicin hafna ta' fejn gara l-incident. L-incident gara bejn 3 u 4 metri 'l boghod miz-*zebra crossing*. Dak il-hin kien ghadu qed jisbah u hu kien sejjer ghax-xoghol. Qabel ma gara l-incident kienet ghaddiet karozza hamra b' velocita' eccessva w qalghatu w dak il-hin hass *"Bhal xi hadd waddabli xkora mas-side tieghi tal-windscreen"* . Il-gabbjun tal-vittma kien wiehed imdaqqas b' mod li meta jingarr, min igorru jkollu jinkina naqra 'l quddiem.

Ikkonsidrat;

Illi dan hu kaz ta' investiment ta' *pedestrian.* Illi gie ritenut "*in subiecta materia"* illi l-"pedestrian" ghalkemm ghandu dritt ikun fil-karreggjata biex jaqsam, certament ghandu wkoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam. Jekk il-"pedestrian" ikun negligenti pero', dan ma jassolvix lid-"*driver"* tal-car milli juza dak il-grad ta' "*reasonable care"* li tinhtieg. Dana kollu jinghid sakemm ma tkunx giet mill-"pedestrian" krejata lid-*"driver"*, bl-imprudenza tieghu, emergenza subitanea imprevedibbli, li rrendiet impossibbli, jew mhux ragonevolment possibbli, azzjoni evaziva tempestiva. (ara Appell Kriminali ; **"Il-Pulizija vs. J. Formosa"**, Vol. XLIII. P. iv p. 1023) F'sentenzi ohra umbaghad, gew elaborati sitwazzjonijiet fejn din l-emergenza subitanea tavverra ruha , e.g. *"meta jaqsam f'daqqa w jissorprendi lill-konducent jew jaghmel xi movement insolitu w inaspettat"* (App. Kriminali : **"Il-Pulizija vs. J. Thornton"** Vol. XLV. p. iv. p. 920) jew meta *"pedestrian jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina , jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi car iehor; jew li johrog minn xi kurva fit-triq ; jew li*

*jitfaccja ghall-gharrieda w inaspettatament quddiem il-karozza."* (App. Kriminali **"Il-Pulizija vs. Cassar Desain"** Vol. XLVI. P.iv. p.765).

Mill-banda l-ohra pero', gie ukoll ritenut li *driver* ma jistax jissolleva b'success id-difiza tas-*"sudden emergency"* meta l-emergenza ikun holoqha hu (App. Kriminali**: "Il-Pulizija vs. Capt. A. Gera"** [13.12.1968] ). Dan ghaliex f' kaz simili d-*driver* ikun qieghed isofri minn *"self inflicted incapacity"* effett tas-sewqan hazin tieghu antecedenti jew konkomitanti.

Illi gie ritenut mill-Qrati Taghna li "Hu dover ta' "*driver to see what is in plain view".* (App. Krim. "**Pulizija vs. Joseph Vella"** - [10.8.1963]) u li "*min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm "a proper lookout"* (Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. J.M. Laferla"** , [17.6.1961] ) Illi fi **"Newhaus N.D. vs. Bastion Insurance Co. Ltd"** (1968) , Il-Qrati Inglizi kienu irritenew li :-

*"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead* ***– it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity . A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area , of the pavements on the side of the road as well."*** (emfasi tal-Qorti)

Illi gie mbaghad dejjem ritenut li f 'sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoche' dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghall-htijiet da parti ta' haddiehor . (App. Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Gaetano Schembri"** [16.3.1961] ; **"Il-Pulizija vs. John Polidano "** [3.11.1963] ; **"Il-Pulizija vs. Rev. C. Mifsud"** [Kollez Vol. XXXVII. p.iv. p.1131] u ohrajn. ). Dana ghaliex il**-"contributory negligence"** ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru. (Vol. XXXVIII, p.IV. p.883).

Issa f'dan il-kaz l-Ewwel Qorti, ghalkemm ikkonkludiet li l-"*pedestrian"* Joseph Fenech seta' kkontribwixxa ghall-incident bil-mod kif qasam triq principali ftit qabel iz-*zebra crossing* li tidher fuq il-pjanta u li dan kien nuqqas serju tal-vittma, sabet lill-appellant hati ghax ma rax il-vittma qabel l-incident u minhabba speed eccessiv tal-appellant, li ma kienx indikat ghal sewwieq li kien qed javvicina *zebra crossing.*

Fil-fehma ta' din il-Qorti sewwa rriteniet l-Ewwel Qorti li meta l-appellant xehed li ma rax lil vittma Fenech x' imkien fit-triq jew diga' mal-gemb tat-triq 'il quddiem minnu, kemm jekk kien lahaq qasam jew ghadu qed jaqsam minn quddiemu, ma kienx qed jati spjegazzjoni plawsibbli ghal dak li gara, ghaliex kieku kien qed izomm *"a proper lookout",* zgur li f' xi hin kien jara lil Fenech 'il quddiem minnu, jew mal-gemb tat-triq jew addirittura qed jaqsam minn quddiem il-car tieghu. Ma hemmx dubju f' mohh din il-Qorti li dan in-nuqqas tieghu li jara sew x' qed jigri quddiemu kien kawza prossima w determinanti tal-incident.

Lanqas ma jirrizulta li l-appellant kien rinfaccjat minn xi emergenza subitanea. Fil-kaz in ezami bil-fatt li l-appellant jidher li ma kienx qed izomm *"proper lookout"*, kien pogga ruhu taht dik li tissejjah *"a self inflicted incapacity*" li jirmedja tempestivament ghal xi moviment tal-*pedestrian* - jekk verament kien hemm - li seta' b' xi mod ikkaguna l-incident. Hu evidenti li biex il-*pedestrian*, ragel ta' eta' avvanzata w mghobbi b' gabbjun tqil lahaq qasam il-wisgha tat-triq ta' 10.9 metri kollha jew kwazi kollha, bil-fors li kien ilu fil-karreggjata w allura suppost *"in plain view"* tal-appellant. Ghalhekk, jekk kif jghid l-appellant, hu kien ghaddej bi speed baxx suppost li rah mil-boghod bizzejjed biex ikun jista' jirrallenta w ihallih jaqsam u b' hekk l-incident kien jigi evitat. Mill-banda l-ohra jekk l-vittma kien diga' lahaq qasam u kien ghaddej mal-gemb tat-triq miexi lejn l-isqaq u l-appellant xorta laqtu hemmhekk ghax ma rahx, forsi ghax resaq xi ftit 'il gewwa meta qabzitu l-karozza l-hamra, xorta wahda jrid jirrispondi ghal-sewqan hazin.

Illi anki jekk kellu jirrizulta li meta beda jaqsam il-vittma kien imprudenti ghax suppost ra l-vettura tal-appellant gejja mil-boghod, wiehed ma jridx jinsa' li proprju ftit piedi boghod minn fejn instab fl-art il-vittma hemm *pedestrian crossing* fejn il-*pedestrian* suppost li kellu precedenza. Dan ikompli izid il-grad ta' attenzjoni li suppost kien qed jezercita l-appellant f' dik il-parti tat-triq li maghha kien *"ex admissis"* familjari hafna w fejn kien jaf li kien hemm *pedestrian crossing*.

Jigi rilevat ukoll li ladarba hadd ma ra l-vittma tintlaqat mhux eskluz li hu kien fil-fatt qasam minn fuq il-*pedestrian crossing* u fil-hin li intlaqat kien miexi lura lejn l-isqaq mal-gemb tat-triq.

Mill-banda l-ohra, fil-kaz in ezami il-fatt li l-appellant waqaf xi ghoxrin metru (ara pjanta) minn fejn instab il-kadavru fl-art, kuntrarjament ghal dak li kkonkludiet l-Ewwel Qorti, mhux prova indizjarja ta' xi speed eccessiv. Di fatti jekk l-appellant hass il-htiega li jieqaf mad-daqqa, i.e. wara li sema l-hoss mal-car tieghu, bil-fors li kellu jimpjega certa distanza biex jieqaf, li parti minnha tkun it-*"thinking distance"* u l-parti l-ohra tkun il-*"braking distance"*. Hu risaput li f' vettura ghaddejja b' velocita' regolamentari ta' 25 mfs (40 kfs.) ghal dik il-lokalita', it-*thinking distance* tkun ta' cirka cirka 25 pied (cirka 8 metri) u l-*braking distance* tkun ta' cirka 39 pied (cirka 13 il-metru), b' kollox madwar 21 metru. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti ma jirrizultax speed eccessiv *per se* pero' l-kawza prossima w determinanti tal-incident kienet in-nuqqas ta' *proper lookout* tal-appellant.

Dan pero' xorta wahda jirrendi lill-appellant hati tal-imputazzjoni ta' omicidju involontarju. Ghalhekk l-appell fuq il-mertu qed jigi respint.

Ikkonsidrat;

Illi ghar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-

parametri tal-ligi w ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara: **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs. David Vella”** [14.6.1999] **, “Ir-Repubbblika ta’ Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina”** [24.4.2003] u hafna sentenzi ohrajn.)

F’ dan il-kaz il-piena mhux biss hija decizament entro l-parametri tal-ligi imma wahda ferm inqas minn dik massima ta' erba snin prigunerija li setghet taghti l-Ewwel Qorti. Terga' w tghid il-piena karcerarja lanqas biss kienet wahda effettiva imma wahda sospiza.

Illi ghalkemm, kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Alfonso Abela**" [10.3.2005], din il-Qorti ma tarax li s-sentenza ta’ prigunerija sospiza hija mizura opportuna w indikata fil-kaz ta’ offizi involontarji f’ incidenti tat-traffiku, ghaliex l-ghan ta’ tali mizura jew sanzjoni, fil-fehma ta’ din il-Qorti, hu li, fil-waqt li tati opportunita’ ohra lill-kriminal qabel ma tibghatu l-habs, hu proprju li zzomm lill-kriminal milli jerga’ jaqa’ w jikkommetti xi tip ta’ delitt bhas-serq, drogi, frodi li hu jkun abitwat fih u mhux biex ma jergax jahbat b’ karozza jew itajjar li xi hadd involontarjament, esperjenza li ovvjament hadd zgur ma jkun ihobb jew jixtieq li jerga’ jirrepeti, mill-banda l-ohra tara li l-piena alternattiva tal-multa tista' fil-fatt tkun aktar gravuza minn wahda ta' prigunerija nominali, ghax tkun sospiza.

Peress ghalhekk li sentenza alternattiva ta' piena pekunjarja f' dan il-kaz tista' tigi interpretata li qed izzid il-piena fuq appell tal-hati, din il-Qorti ma tarax li hu l-kaz, issa li nghatat piena karcerarja sospiza, w la ma sarx appell mill-Avukat Generali, li tibdel din f' wahda ta' piena pekunjarja, dment li l-istess appellant ma jitlobx li jsir hekk.

Dwar l-aggravju li jolqot il-periodu tas-sospensjoni tal-licenzja ghal zmien sena, jinghid wkoll li dan mhux wiehed eccessiv tenut kont tal-gravita' tar-reat u tac-cirkostanzi. Il-fatt li l-appellant jaghmel uzu regolari mill-vettura anki ghax-xoghol tieghu - del resto bhall-maggoranza tal-poplu - mhu l-ebda skuzanti jew raguni biex din is-sospensjoni

tal-licenzja tigi mnaqqsa kif gie ripetutament ritenut minn din il-Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata fl-intier taghha, b' dana pero' li l-periodu tas-sospensjoni tal-licenzji kollha tas-sewqan jibda jiddekorri min-nofs il-lejl tal-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------